# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Novemru 2001**

**Numru 57**

**Citaz. numru 944/93 DS**

Ernest Camilleri

vs

Martin Anthony Wyson

Illum, 16 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Awissu 1993 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi huwa propjetarju tal-vettura Suzuki Jeep numru C-0978 u fil-lejl tas-7 ta' Gunju 1993 gewwa Ghawdex l-konvenut, minghajr il-permess jew kunsens tal-attur ha l-istess vettura u telaq jsuq biha.

Illi filwaqt li kien qieghed isuq l-imsemmija vettura tal-attur numru C-0978, gewwa Ghawdex limiti tax-Xlendi, l-konvenut bi traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku baqa' diehel f'hajt u kkaguna danni ngenti fl-imssija vettura C-0978.

Billi interpellat jaghmel tajjeb ghad-danni minnu ikkawzati il-konvenut baqa' inadempjenti..

talab lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li:

(i) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni tas-7 ta' Gunju 1993, fuq imsemmija u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur.

(ii) tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elf erba' mija u hdax il-lira u hamsa u erbghin centezmu u zewg millezmi (Lm1411.45,2) jew somma verjuri illi tigi likwidata previa okkorrendo bl-opra ta' periti u esperti nominandi.

(iii) tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur, in linea ta' danni l-imsemmija somma ta' elf erba' mija u hdax il-lira u hamsa u erbghin centezmu u zewg millezmi (Lm1411.45c2) jew somma verjuri ili tigi likwidata minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi l-azzjoni hija ntempestiva stante li l-attur qatt ma nterpella lill-konvenut biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut jammetti r-responsabilita ghall-incident;

3. Illi

4. minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni pretiz mill-attur huwa eccessiv u esagerat;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjes stante li kien l-attur li naqas jikkopera mal-konvenut sabiex id-danni jigu likwidati u mhallsa u stante li l-konvenut qatt ma gie interpellat biex ihallas l-ammot pretiz mill-attur;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Novembru 1994 fejn giet michuda l-eccezzjoni ta' intempestivita` sollevata mill-konvenut;

Rat id-digriet tas-26 ta' April 1995 li permezz tieghu gie nominat Anthony Savona bhala perit tekniku sabiex jillikwida d-danni sofferti mill-attur;

Rat id-digriet ta' l-1 ta' Marzu 2000 fejn il-perit tekniku gie ordnat jirritorna l-atti kollha fil-pussess tieghu;

Rat in-nota ta' l-attur ipprezentata fl-14 ta' Marzu 2001 fejn rriduca s-sorte ghas-somma ta' Lm748.58 stante pagament ta' Lm662.87 fil-mori tal-kawza;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda talba ta' l-attur biex il-konvenut jigi ddikjarat responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' Gunju 1993 f'Ghawdex meta l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura ta' l-attur u habat biha meta dahal f'hajt u kkaguna diversi hsarat. Ghalhekk l-attur qieghed ukoll jitlob il-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu sofferti liema danni jammonta ghal Lm1411.52.

Il-konvenut mhuwiex jichad ir-responsabbilta` ghall-incident u difatti fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu jammetti r-responsabbilta`. Ghalhekk l-ewwel talba attrici trid tigi milqugha fuq l-ammissjoni stess tal-konvenut.

Pero` l-konvenut qieghed jikkontesta l-ammont ta' danni reklamati mill-attur, isostni li l-attur ma kkooperax biex id-danni jkunu likwidati ghas-soddisfazzjon taz-zewg partijiet, u li f'kull kaz dawn ghandhom jigu limitati ghal Lm662.87 – ammont li hallas fil-mori tal-kawza.

Fil-fatt jirrizulta li l-attur kien mar ghand il-konvenut u tkellem mieghu u ma' missieru u missier il-konvenut insista li x-xoghol isir ghand persuna tal-fiducja tieghu u mhux ta' l-attur galadarba kien se jhallas hu. Jirrizulta wkoll li l-attur kien qabbad bhala *surveyor* lil Charles Saliba li spezzjona l-vettura u ghamillu *survey* u l-attur stess jixhed li l-konvenut kien ukoll qabbad *surveyor* li mar jispezzjona l-vettura akkompanjat mill-konvenut u ma' omm il-konvenut. L-attur jilmenta li huwa qatt ma ra kopja tas-*survey report* li ghamel is-*surveyor* tal-konvenut. Mill-banda l-ohra  l-konvenut qal li huma mhux *surveyor* hadu izda l-mekkanik taghhom u lmenta wkoll li qatt ma ra s-*survey report* tas-*surveyor* ta' l-attur. Kemm il-konvenut kif ukoll missieru jsostnu li kienu ftehmu li x-xoghol isir mill-mekkanik taghhom izda f'daqqa wahda l-attur qallhom li kien beda jsewwi ghand tieghu. L-attur ighid li wara li hu gab is-*surveyor* kien cempel lil missier il-konvenut u qallu li kien sar is-*survey* u li ried isewwi ghand il-mekkanik tieghu ghax ried isewwi ghand min kien jaf li hu tajjeb u li gie rrikmandat lilu; izda missier il-konvenut kien baqa' jinsisti li l-vettura tissewwa ghand il-mekkanik tieghu ghax ladarba se jsewwi hu kellu d-dritt li jehodha ghand il-mekkanik tieghu, u wara li qallu dan id-diskors sabbatlu t-telefon.

M'hemmx dubju li l-partijiet ippruvaw jaslu f'arrangament bonarju dwar it-tiswijiet li kienu mehtiega fil-vettura ta' l-attur. Il-konvenut u missieru xtaqu ovvjament jimminimizzaw d-danni kemm jista' jkun. L-attur certament kien ukoll fid-dover li jimminimizza d-danni izda in vista tal-fatt li l-vettura tieghu ma kenitx ilha *on the road* (difatti huwa xehed li kienet ilha biss sena) kien jistenna li tigi ripristinata ghall-istat originali taghha. Barra minn hekk huwa xehed, u ma giex kontradett, li dam xahar u nofs qabel ma bdiet tissewwa; jigifieri kien hemm zmien bizzejjed biex il-konvenut jaghmel kuntatt ma' l-attur biex isolvu l-vertenza, aktar u aktar meta sadattant l-attur kien ghamel *survey* li

jsostni li sewwa fuqu. Meta cempel lil missier il-konvenut biex jinfurmah, flok missier il-konvenut baqa' jinsisti li jsewwi fejn irid hu, kien ikun aktar ghaqli kieku jitlob kopja tas-*survey* minghand l-attur biex b'hekk ikun jista' jidderigi ruhu skond x'jirrizultalu minn dak is-*survey*. Ghalhekk bil-fatt li l-attur sewwa ghand min kellu fiducja fih m'ghandux ibati xi konsegwenzi salv li l-pretensjonijiet tieghu jitqieghdu taht skrutinju. Il-Qorti b'hekk se tghaddi biex tikkunsidra dawk l-*items* li dwarhom il-konvenut ma jaqbilx li ghandu jhallas kif elenkati minnu fin-nota tieghu pprezentata fit-23 ta' Frar 1994:

1. Il-konvenut ighid li l-attur irid jipprova li l-i*stereo* u l-*bullbar* indikati f'Dok. F kellhom jigu mibdula u jissupplixxi l-fatturi ta' l-istess. Dwar l-i*stereo* l-attur ighid li dan kien catt u mwahhal mad-*dashboard* u qalghu Tonna. Izda ma pprezentax rcevuta li turi meta xtara l-istess *stereo*. Fis-seduta tat-22 ta' Mejju 1996 ghamel riferenza ghal invoice li nhareg dakinhar stess u li qal jiddokumenta transazzjoni ta' sentejn qabel.  Fis-seduta sussegwenti tal-21 ta' Gunju 1996 huwa pproduca bhala xhud lil Godfrey Caruana, *salesman* mad-ditta Taf Taf u li minghandha l-attur qal li kien xtara l-i*stereo*. Pero` dan qal li ma kienx jaf li kellu jixhed dwar xi transazzjoni ta' sentejn qabel u pprometta li f'seduta ohra jgib l-informazzjoni kollha mehtiega. Pero` dan ix-xhud ma regax gie ngunt biex jixhed. Inoltre fis-*survey report* ma jissemma xejn dwar l-i*stereo*. U ghalkemm Arthur Tonna, il-proprjetarju tal-*garage* fejn saru t-tiswijiet, qal li minghalih l-i*stereo* qalghu huh, ma jghid xejn dwar il-kondizzjoni tieghu u jekk biddlux. Ghalhekk, l-ilment tal-konvenut f'dar-rigward hu gustifikat u ghandha titnaqqas is-somma ta' Lm85. Mhux hekk pero` dwar il-*bullbar*. Difatti is-*surveyor* Carmelo Saliba xehed li il-*bullbar assembly* tant kien mghawweg u mhux oggett li jissewwa.

2. Il-konvenut isemmi li wiehed mill-bibien ma ntlaqatx u ghalhekk ma kellux bzonn jinbidel. Kuntrarjament ghal dak li qed isostni l-konvenut, mis-*survey*

*report* stess jirrizulta li ntlaqtu z-zewg bibien. Difatti naqraw testwalment: *"Front L/H door dented inside"* u *"Front R/H door slightly dented in the middle"*. L-attur ukoll fix-xiehda tieghu kkonferma li z-zewg bibien kienu milqutin u li filwaqt li l-bieba tax-xelluq kellha anke l-hgiega miksura, tal-lemin kellha ghafsa u fuq kien mibrum. Ghalhekk l-ilment tal-konvenut hu f'dar-rigward infondat.

3. Il-konvenut jikkunsidra bhala esagerat il-hlas ta' Lm180 ghall-i*spray* u Lm250 ghall-*panel beating* li jindika li kien jinvolvi biss iz-zewg bibien. Huwa ovvju pero` li l-konvenut immizinterpreta dak li nkiteb fuq il-kont ta' Arthur's Garage (Dok. C a fol. 9). Taht it-titolu "SPRAY" hemm miktub "2 Doors L & R half front". Arthur Tonna stess spjega li sprejjaw iz-zewg bibien ta' quddiem u ukoll quddiem kollu. Ir-riferenza ghal "half front" hi riferenza ghall-parti ta' quddiem. Hekk ukoll taht it-titolu "PANEL BEATING" insibu miktub "2 New Doors half Front". Ix-xoghol ta' *panel beating* fuq il-vettura ta' l-attur li garbet hsarat ta' entita` sostanzjali, kien estensiv u mhux limitat ghaz-zewg bibien. Inoltre, in vista tal-fatt li nxtrat bieba wahda, jidher li r-riferenza ghal "2 New Doors" hija semplicement erroneja. Il-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut jippretendi li m'ghandu jhallas xejn ghal *spray painting* u ghal *panel beating* meta dawn kienu essenzjali biex tigi ripristinata l-vettura ta' l-attur. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, l-ammonti hawn fuq imsemmija ta' Lm180 u Lm250 ghandhom jithallsu wkoll mill-konvenut.

4. L-attur qed jippretendi rifuzjoni ta' Lm66 ghall-kiri ta' karrozza peress li ighid li l-vettura ma kenitx lesta u ghalhekk kellu jgedded il-kirja ghal iktar granet. Pero` ma esebixxa l-ebda rcevuta in sostenn ta'dan. Konsegwentement ghandha titnaqqas mill-pretensjoni tieghu s-somma ta' Lm14.

5. Dwar is-*survey report* Carmelo Saliba stess xehed li ghamel is-*survey* u thallas Lm10 tieghu.

Ghaldaqstant mis-somma kif ridotta ta' Lm748.58 iridu jintaqqsu Lm85 li l-attur ippretenda ghall-i*stereo* u Lm14 li ppretenda ghall-kiri ta' karrozza, li jhalli bilanc ta' Lm649.58.

Skond ir-raba' eccezzjoni tieghu l-konvenut jippretendi li ma jhallasx spejjez stante li l-attur naqas li jikkoopera mal-konvenut biex id-danni jigu likwidati u mhallsa u stante li qatt ma nterpella lill-konvenut biex ihallas l-ammont pretiz. Dwar l-allegat nuqqas ta' kooperazzjoni l-Qorti diga` kkummentat aktar 'il fuq. Dwar il-punt l-iehor sollevat, in effetti ma jirrizultax li l-attur l-ewwel interpella lill-konvenut qabel ma istitwixxa dawn il-proceduri. Izda m'hemm l-ebda dispozizzjoni fil-ligi li b'xi mod kienet tobbliga lill-attur biex jinterpella lill-konvenut. Saru tentattivi biex jaslu f'xi forma ta' ftehim, l-attur ra li l-konvenut u missieru kienu qed jinsistu li x-xoghol kellu jsir ghand min riedu huma, u b'hekk fehem li ma kienx hemm possibilita` li jintlahaq ftehim. Din ir-raba' eccezzjoni hi b'hekk michuda.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi, salv dak li ntqal hawn fuq, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddikjara lill-istess konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni msemmija tas-7 ta' Gunju 1993 u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur,
(2) tillikwida d-danni fis-somma ridotta ta' Lm649.58,

(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma ta' Lm649.58 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez li jithallsu mill-konvenut.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur